qalila fil-Veneżwela u fil-Kolombja,
slitt il-blanzuni kannella mill-oqsma tal-kafè tal-Brazil u tal-Perù,
raxxejt fuq kollox il-fwieħa ta' l-aktar ħxejjex rari ta' l-Arġentina,
imbagħad irbatt il-ward kollu
bi ħjut ta' l-azzar
li jinsab fil-minjieri ta' l-Istati Magħquda.
U hawn f'riġlejk, Marija,
qalb dan it-tiżwiq kollu,
qalb dawn il-fjuri ta' kull għamla u sura,
qegħidtlek l-isbaħ warda:
il-qalb amerikana.
Hi qalb imfawra bl-ogħla ħsus ta' mħabba
li jdewbu fi griżmejja l-isbaħ kliem.
Għalhekk ma ngħidlekx iżjed,
biżżejjed hekk għalija:
Is-sliem għalik, Marija!

IV

**Tidħol** l-ASJA, **b'ħafna ċaqliq ta' ras u idejn, b'mixja rżina li tixhed il-għaqal u l-ħsieb, b'ward** "safrani" **f'idejha; issellem u tgħid:**

Mil-Lvant kull ma hu għani
Ġibthulek hawn, Madonna;
Mhux deh'b u lanqas fidda,
'Ma l-frott sabiħ tal-ġonna.
U l-isbaħ frotta fosthom,
Il-warda safranija,
Li hi l-isbaħ tifsira
Tal-qalb nobbli lvantija.
Kien hemm ukoll l-ibiskus
Tal-Ġappun, umli u twajjeb,
U l-werqa tal-banjana
Li fl-Indja qatt titgħajjeb
Ried jiġi wkoll il-lotus
Għażiż tal-Filippini,
U mill-Għarabja t-tamla
u l-ħxejjex l-aktar fini.
Il-gżejjer tal-Paċifiku
Ried jiġu għarkobbtejhom
Sabiex juruk li inti
Il-mimmi ta' għajnejhom.
'Ma ġibtlek biss miċ-Ċina
Il-warda safranija,
Li hi l-isbaħ tifsira
Tal-qalb nobbli lvantija.
Oh, xtaqt ukoll li ġibtlek
Il-perli minn kull plajja,
U l-bjuda mingħajr nikta
Tas-silġ ta' l-Imalajja.
L-avorju ridt inġiblek
Mis-snien ta' l-iljunfanti,
U l-ġilda tal-pantera,
U r-rix tal-għasfur ġganti.
'Ma ġibtlek biss, Madonna,
Il-warda safranija,
Li hi l-isbaħ tifsira
Tal-qalb nobbli lvantija.
U waqt li noffrihielek
Bl-eqdes wirjiet ta' qima,
Ilqa' mill-qalb ta' l-Asja,
Madonna, dit-tislima:
Wara Alla, int l-isbaħ dija:
Is-sliem għalik, Marija!



V

**Tidħol** l-AFRIKA, **bi tbissima safja ta' bint li taf tisraq qalb ommha bi mħabbitha bla dell, b'ħannieqa ta' ward abjad f'idejha, tibqa' riesqa dritt lejn il-Madonna, tinżel għarkobbtejha kokka fl-art, tqum, bi ħlewwa li ma bħalha u bil-qajla tqiegħed il-ħannieqa tal-ward madwar għonq Marija, tbus 'il Ġesù li jkollha f'dirgħajha fuq sidru, terġa' tinżel fl-art, tbus riġlejn Marija, terfa' għajnejha u idejha mgħaqqdin flimkien lejha, u tgħid:**
Madonna, kemm inħobbok!
Is-sliem għalik, Marija!
**L-erbgħa l-oħra jibqgħu jħarsu lejha, mistagħġba.**

---

## SAQAF IQATTAR

*Ta'* AMANTE BUONTEMPO

Qattar, ja ilma tas-saqaf,
qattar bil-lejl u bin-nhar:
xbieha ta' demmi li waqaf
jara m'nejn nieżel l-imrar.

Kompli qattarli bla heda
l-għajta ta' ħsejjes ir-ruħ;
tambar fuq rasi bħal xehda
l-għasel ta' nixfet id-dmugħ.

Miegħek smajt jonfoħ madwari,
fl-aqwa tar-rwiefen, is-skiet:
miegħek rajt tnemnem fix-xagħri
leħħa ta' ħajja li nfniet.

Smajtek tħabbarli tal-ġlieda
l-aħħar taqtigħa fil-qrib:
rajtek twassalli tax-xhieda
kitbet is-sewwa ħabib.

Tnixxi mal-ilma li jqattar,
smajt il-ħurħara tal-qerq,
ħalli kif nibda nitmattar,
nifhem l-imgħoddi mill-għerq.

Xejn m'huwa mgħallem tal-ħajja
daqsek, ja qatra li tmut;
ħadd m'hu rebbieħ fuq it-tbajja'
bħalek, ja ilma tal-bjut.

Inti għallimtni nistenna
l-għana tat-telfa tal-ħin:
inti saqqejtli tal-Ġenna
xitel it-tama li tnin.

X'jiswa li tiskot u tieqaf,
meta trid tqattar mill-ġdid?!
Bħalek, bil-qiegħda jew wieqaf,
naqdi bis-saħħa w marid!

Bħalek kull naqra ta' tjieba
timla sax-xifer barmil:
filli jitbattal ġo ġiebja,
filli jinħela f'ħasil.

Imma bil-ħoss ta' kull qatra
jikxef moħbietu kull żmien:
w inti stampajtli fis-satra
l-isem li juri min jien.

Fhimt tul il-lejl li qattartli,
ilma tas-saqaf ġerrej,
l'inti bi kliemek bassartli
x'rebħa nistenna f'li ġej.

13/5/1969.